**EŻAMIJIET ANNWALI TA' L-ISKOLA SEKONDARJA 2004**
Taqsima ta' l-Assessjar Edukattiv - Diviżjoni ta' l-Edukazzjoni

**IT-TIELET SENA** **RELIĠJON** **Ħin: Siegħa u nofs**

Isem: ________________________________ Klassi: ________________

## TAQSIMA A **(15-il marka)**

**Wieġeb fil-qosor dawn il-mistoqsijiet.**

1. X'nitgħallmu mill-ħbiberija sinċiera ta' bejn David u Ġonatan? (Semmi 2 punti)

________________________________________________________________

________________________________________________________________ (2 marki)

2. Lil min għandna nitolbu biex iwassalna lejn verità sħiħa?

________________________________________________________________

________________________________________________________________ (2 marki)

3. Meta tista' tkun ta' ġid it-tentazzjoni?

________________________________________________________________

________________________________________________________________ (2 marki)

4. X'tifhem meta fil-Ġenesi taqra:
"U Alla ħalaq il-bniedem fuq ix-xbieha tiegħu"?

________________________________________________________________

________________________________________________________________ (3 marki)

5. Semmi t-tliet persuni tat-Trinità Qaddisa.

________________________________________________________________

________________________________________________________________ (3 marki)

6. Fit-Testment il-Qadim, Alla jwiegħed tliet premjijiet lil dawk li jirrispettaw 'l ommhom u 'l missierhom. Semmihom.

________________________________________________________________

________________________________________________________________

________________________________________________________________ (3 marki)

## TAQSIMA B

**(10 marki)**

Qabbel billi tikteb in-numru t-tajjeb fit-tieni kolonna.

| | | | |
|---|---|---|---|
| 1. | Il-kuxjenza nistgħu nsejħulha | | jibda mill-ambjent tal-grupp li nkunu fih. |
| 2. | Tagħmel dnub meta | | nitgħallmu nħalluh f'idejn Alla. |
| 3. | Il-vizzju tad-dagħa u tal-kliem ħażin | | li jgħin u jaqsam dak li jkollu. |
| 4. | Għandna nagħżlu lil Alla qabel kollox | | li ma tahomx lill-annimali l-oħra. |
| 5. | Ġesù jgħallimna biex il-futur tagħna | | l-leħen ta' Alla f'qalbna. |
| 6. | Li tieħu ġurament ifisser | | għax huwa l-Ħallieq u s-Sid ta' kollox. |
| 7. | Mulej, fejn hemm in-niket | | qisu qiegħed iġemma' f'teżor. |
| 8. | Ħabib sinċier ifittex | | wieħed jaqa' fit-tentazzjoni. |
| 9. | Lilna l-bnedmin Alla tana affarijiet | | ħallini nferrex il-ferħ. |
| 10. | Min iweġġaħ lil missieru u lil ommu | | li inti ssejjaħ 'l Alla xhud tiegħek. |

## TAQSIMA Ċ

**(20 marka)**

**Ikteb xi jfissru dawn il-kliem:**

Tentazzjoni - ______________________________

______________________________

Okkult - ______________________________

______________________________

Trasfigurazzjoni - ______________________________

______________________________

Dagħa - ______________________________

______________________________

Maħfra - ______________________________

______________________________

Fiduċja - ______________________________

______________________________

Ġenna - ____________________________________________

____________________________________________

Ġenesi - ____________________________________________

____________________________________________

Id-disa' kmandament - ____________________________________________

____________________________________________

L-ewwel kmandament - ____________________________________________

____________________________________________

## TAQSIMA D **(30 marka)**

Ikteb paragrafu ta' madwar 50 kelma **fuq kull waħda** minn dawn fuq karta separata.

Ġesù bena ħbiberija sinċiera u qawwija ma' l-Appostli. Kien:
(i) jaqsam ħajtu magħhom (it-tieġ ta' Kana, jistad, jitlob) (10 marki)
(ii) kien jgħallimhom waħedhom (il-'Missierna', jispjegalhom il-parabboli) (10 marki)
(iii) kien jiddefendihom u jaqbeż għalihom (fil-ġnien taż-Żebbuġ) (10 marki)

## Taqsima E **(25 marka)**

Aqra din is-silta u wieġeb il-mistoqsijiet dwarha.

> "Nagħtikom kmandament ġdid, li tħobbu lil xulxin. Bħalma ħabbejtkom jien, hekk ukoll ħobbu intom lil xulxin. Minn dan jagħraf kulħadd li intom dixxipli tiegħi, jiġifieri, jekk ikollkom l-imħabba bejnietkom." (Gw. 13, 34-35)

1. Lil min kien qed ikellem Ġesù f'din is-silta?

____________________________________________

____________________________________________ (2 marki)

2. Għaliex, fl-Aħħar Ċena, Ġesù qal, "Ftit ieħor ser indum magħkom"? (Ġw. 13, 33)

____________________________________________

____________________________________________ (2 marki)

3. X'għamel Ġesù biex juri kemm verament iħobb? Semmi 3 affarijiet.

____________________________________________

____________________________________________

____________________________________________

____________________________________________

(6 marki)

4. Xi jridna nagħmlu Ġesù biex inkunu nixbhuh? Semmi 3 affarijiet.

(6 marki)

5. 'Min iħobb ma jħarisx lejn il-kumdità tiegħu, iżda lejn il-bżonn ta' ħaddieħor'. Fisser kif inti tista' tgħix dan fil-ħajja tiegħek ta' kuljum. Irrakkonta storja jew ġrajja minn ħajtek.

(9 marki)